DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/2241

tal-14 ta' Novembru 2022

li temenda d-Deċiżjoni 2010/788/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/788/PESK [1] dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo ("RDK").

(2) Fit-30 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni ("UNSCR") 2641 (2022), li temenda l-kriterji għad-dežinjazzjoni ta' persuni u entitajiet li għandhom ikunu soġġetti għall-miżuri restrittivi stabbiliti fil-paragrafi 9 u 11 tal-UNSCR 1807 (2008), kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligu ta' notifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet stabbilit skont l-UNSCR 1533 (2004) ta' vjeġġi ta' armi u materjal relatat għar-RDK, jew kwalunkwe għoti ta' assistenza teknika, finanzjament, servizzi ta' senserija u servizzi oħra relatati ma' attivitajiet militari fir-RDK.

(3) Hi meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2010/788/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2010/788/PESK hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) il-provvista, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' tagħmir militari mhux letali maħsub biss għall-użu umanitarju jew protettiv, jew l-għoti ta' għajnuna teknika u taħriġ tekniku, relatati ma' tali tagħmir mhux letali;";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Ħlief għall-attivitajiet imsemmija fil-punti (a), (b), u (c) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet stabbilit skont l-UNSCR 1533 (2004) (il-"Kumitat tas-Sanzjonijiet") notifika bil-quddiem ta' kwalunkwe għoti ta' assistenza teknika, finanzjament, servizzi ta' senserija u servizzi oħra relatati ma' attivitajiet militari fir-RDK, jew kwalunkwe kunsinna tal-armi u materjal relatat li ġejjin għar-RDK:

(a) kull tip ta' armi b'kalibru sa 14,5 mm u munizzjon assoċjat;

(b) mortars b'kalibru sa 82 mm u munizzjon assoċjat;

(c) lanċaturi tal-granati u tar-rokits b'kalibru sa 107 mm u munizzjon assoċjat;

(d) sistemi ta' difiża tal-arja li jinġarru mill-bniedem (MANPADS);

(e) sistemi ta' missili ggwidati kontra t-tankijiet.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30).

Tali notifika għandu jkun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha, inkluż, fejn xieraq, l-utent aħħari, id-data proposta għall-kunsinna u l-itinerarju ta' kunsinni bil-baħar.";

(2) fl-Artikolu 3(1), jiżdied il-punt li ġej:

"(k) li jkunu involuti fil-produzzjoni, il-manifattura jew l-użu fir-RDK ta' apparat splussiv improvizzat, jew fil-kummissjonar, l-ippjanar, l-ordni, l-għajnuna, l-assistenza jew b'xi mod ieħor jassistu fl-attakki fir-RDK b'apparat splussiv improvizzat.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES